**PRIM’AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 16 ta’ Ottubru, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 667/2014 AF**

**Guido Fenech, Jane Bone u Maryanne Grixti**

**vs**

**Ernest u Bernardette konjugi Azzopardi**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Missier ir-rikorrenti kollha cioè Joseph Fenech, kien akkwista bicca art, maghrufa bhala 'Tal-Warda' gewwa Triq il-Warda Qrendi, permezz ta' kuntratt t’akkwist, u dan qabel iz-zwieg tieghu.

Tali proprjetà ddevolviet favur ir-rikorrenti, l-intimata Bernadette Azzopardi, u huhhom Emanuel Fenech, permezz ta’ zewg (2) testmenti maghmula fl-atti tan-Nutar Nicola Said, datati ghoxrin (20) ta' Marzu tas-sena elf disgha mija u sebgha sittin (1967) u sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tas-sena

elf disgha mija u tnejn u disghin, (1992), u dan bhala l-eredi universali ta' missierhom, illum defunt!

Ghalhekk l-ahwa jipposiedu din l-art fi kwoti indaqs indivizi bejniethom.

L-intimata u zewgha huma wkoll sid ta' bicca art ohra, adjecenti ma' dik tar-rikorrenti, u liema proprjetà hija sit li tinsab ukoll fi Triq il-Warda, Qrendi.

L-intimata flimkien ma' zewgha applikaw ghal permessi ta' xoghlijiet sabiex jizviluppaw din l-imsemmija propjetà.

L-intimati bdew ix-xoghlijiet fl-art proprjetà taghhom, u dan permess ta' skavar.

Ix-xoghlijiet ta' eskavazqoni kienu qed isiru **vicin ferm u addirittura incim mal-hajt tal-proprjetà tar-rikorrenti, bil-konsegwenza illi ma kienitx qed tinzamm d-distanza minima ta' sitta u sebghin centimetru (76cm) kif stabbilita fil-ligi**:

Kif indikat mir-Rapport tal-Perit Arkitett Valerio Schembri, hawn anness u mmarkat bhala Dok A:

**...jirrizulta car u manifest illi qed isir xoghol ta' eskavazzjoni. Illi in linea preliminari, jigi rilevat illi mhux qed tinzamm id-distanza legli ta' 0.75 mill-hajt tal-proprjetà in kwistjoni...jidher car illi jekk ser tkompli ghaddejja din l-eskavazzjoni hemm il-periklu car u imminenti illi l-hajt jigarraf.. fil-process ta' tali xoghlijiet mhux tinzamm id-distanza legali ta' 0.76m mill-hajt tal-proprjetà tar-rikorrenti, u dan kif mpost bil-ligi, senjatament l-Artikolu 439 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi "hadd ma jista' jhaffer fil-fond tieghu bjar, gwiebi jew latrini jew jaghmel thaffir iehor ghal kull hsieb li jkun, f'boghod ta' inqas minn sitta u sebghin centimetru mill-hajt divizorju;**

Permezz ta' Mandat ta' Inibzzjoni fl-ismijiet premessi u enumerat 914/2014JZM, (Anness mar-Rapport tal-Perit Valerio Schembri), l-intimati gew mizmuma '*milli jaghmlu kwalsiasi xoghol iehor ta' thaffir f'distanza ta' inqas minn sitta u sebghin centimetru mill-hajt divizorju tal-fond, jew art tar-rikorrenti*';

L-importanza li waqt l-istess skavar, **<u>tinzamm ta' l-inqas id-distanza minima stabbilita fil-ligi, hija aktar relevanti, tenut kont tan-natura tat-terren, li hija dghajfa u anke tax-xoghol kif propost</u>**, fejn jirrizulta skond il-pjanti tal-MEPA, illi t-tqattiegh ser jinzel additura cirka hmistax (15) il-filata jew aktar mill-livell tal-pedament tal-hajt.

Inoltre, skond il-pjanti approvati mill-MEPA, jidher car illi x-xoghol propost minn l-intimati huwa zvilupp ta' bini, li ma jsegwiex id-dettami ta' l-Artikolu 439 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, **<u>u dan stante illi l-hitan tal-basement/semi-basement approvati huma ndikati li ser iinbnew fl-istess sitta u sebghin centimetru (75cm) stabbiliti milll-ligi</u>**.

Fil-proprjetà tar-rikorrenti, hemm mibnija kamra maqtugha fil-blat, speci ta'xeltet u liema ilha tezisti minn zmien il-Gwerra.

Jekk fil-process, l-intimati ma jiehdux dawk il-mizuri kollha necessarji, jista' facilment isir hsara fis-saqaf ta' l-imsemmija xelter u ta' l-istess ambjent fis-sottoswol gie l-izvilupp propost.

Konsegwenza tax-xoghlijiet li lahqu saru, qabel ma gie ntavolat il-mandat sufferit, ir-rikorrenti soffrew danni fil-proprjetà taghhom u dan meta parti mill-hajt ikollassa u mieghu waqghet wkoll xi hamrija fil-proprjetà tar-rikorrenti.

Anke x-xelter ezistenti fil-propjetà tar-rikorrenti, digà ntela bid-debris, bil-konsegwenza illi r-rikorrenti ma jistghux iaccedi ghalih.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tordna illi l-intimati sabiex a atenur tal-artikolu 439 tal-Kap 16, fix-xogholijiet kollha, u cioè kemm ta' skavar kif

ukoll ta' kostruzzjoni li qed jaghmlu fl-ghalqa proprjetà taghhom maghrufa bhala 'Tal-Warda' gewwa Triq il-Warda Qrendi, iridu jzommu d-distanza legali ta' mhux inqas minn sitta u sebghin centimetru (76cm) mill-hajt divizorju ta' bejn s-siti rispettivi tal-kontendenti;

2. Tiddikjara illi, peress illi l-intimati naqsu milli jzommu distanza imsemmija fl-ewwel talba, parti mill-hajt ikollassa, u mieghu waqghet wkoll xi hamrija fil-proprjetà tar-rikorrenti.

3. Tikkundanna lill-intimati sabiex jaghmlu xogholijiet rimedjali sabiex jergghu jaghmlu l-hajt u l-hamrija li kollassaw fl-istat li kienu qabel ma bdew ix-xogholijiet u dan taht id-direzzjoni ta' periti nominandi.

4. Tikkonferma in perpetwità l-effetti tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet premessi u enumerat 914/2014JZM.

5. Tahtar lil Perit Valerio Schembri sabiex jissorvelja u jiddergi x-xogholijiet kollha esegwiti minn l-intimati fis-sit proprjetà taghhom.

6. Tordna ghalhekk x-xogholijiet kollha illi jsiru fis-sit proprjetà tal-intimati, isiru taht is-sorveljanza u direzzjoni tal-Perit Valerio Schembri sabiex jigi accertat illi ma ssirx hsara fil-hajt divizorju kollu ta' bejn is-siti rispettivi tal-kontendenti u fil-kamra/shelter maqtugha fil-blat.

Bl-ispejjez u l-intimati ingunti in subizzjoni.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti li permezz tagħha eċċepew illi:

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li mhux minnu li l-esponenti ezegwew xogholijiet ta' skavar f'distanza ta' inqas minn sitta u sebghin centimetru (76 cm) mill-hajt divizorju bejn il-proprjetajiet rispettivi kif allegat mill-atturi stante li kull ma ghamlu l-

esponenti huwa li bnew hajt temporanju ta' tlett (3) filati propju sabiex jirrinfurzaw l-hjat divizorju bejn il-propretajiet rispettivi liema hajt jidher li ma hemmx kontestazzjoni dwaru skont il-ftehim milhuq bejn il-partijiet waqt access fl-atti tal-mandat t'inibizzjoni bin-numru 914/2014JZM, liema ftheim huwa hawn anness u mmarkat bhala 'Dok EA 1'.

Ghalhekk m'hemmx lok sabiex l-ewwel (1) talba attrici tigi milqugha minn din l-Onorabbli Qorti u dan peress li l-esponenti ghamlu kull xoghol ta' skavar f'distanza ta' mhux inqas minn sitta u sebghin centimetru (76 cm) mill-hajt divizorju.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ewwel (1) talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi ma hemmx iktar xoghol ta' skavar li ghandhom isiru fis-sit in kwistjoni u di piu' kuntrarjament ghal dak indikat mill-atturi, l-Artikolu 439 tal-Kodici Civili jaghmel referenza biss ghal skavar f'distanza ta' mhux inqas minn sitta u sebghin centimetru (76 cm) u mhux ghax-xogholijiet kollha inkluz dawk ta' kostruzzjoni kif mitlub mill-atturi.

Subordinatament din l-Onorabbli Qorti ma tistax tilqa' it-tieni (2) talba attrici u dan peress illi kuntrarjament ghal dak indikat mill-atturi, l-esponenti rrispettaw id-distanza legali ta' sitta u sebghin centimetru (76 cm) a tenur tal-Artikolu 439 tal-Kodici Civili. Illi ghahekk minghajr pregudizzju, l-esponenti ma ghandhomx jaghmlu ebda xogholijiet rimedjali.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li kontrarjament ghal dan indikat mit-tieni (2) talba attrici l-ebda parti mill-hajt divizorju bejn il-propjetajiet ma kkollasa u l-ebda hamrija ma' waqghet fil-propjeta' tar-rikorrenti, b'hekk ma hemmx xogholijiet rimedjali ghar-rintegrazzjoni li l-esponenti ghandhom jaghmlu.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma ghandhomx jigu kundannti sabiex jaghmlu ebda xogholijiet rimedjali fil-hajt divizorju u l-hamrija la darba tali hajt ma kienx mibni skont id-drawwiet u regoli tas-sengha.

Minghajr pregudizzju, din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad ir-raba' (4) talba attrici stante illi l-esponenti zammew d-distanza tal-inqas ta' sitta u sebghin centimetru (76cm) mill-hajt divizorju mertu tal-mandat t'inibizzjoni bin-numru 914/2014JZM, di piu, prezentament ix-xoghol kollu ta' skavar li kellhom jaghmlu l-esponenti tlesta u ghalhekk l-effetti tal-mandat *de quo* illum huma sorvolati.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-hames (5) u sitt (6) talba attrici ghandhom jigu michuda u dan peress li jmorru kontra kull principju ta' imparzjalità. Illi l-Perit Valerio Schembri huwa l-perit *ex parte* tal-atturi u hekk kif jidher mir-rapporti annessi mar-rikors guramentat huwa qed ihares l-interess esklussiv tal-klijenti tieghu. Ghalhekk isegwi li f'kaz li din il-Qorti tiddeciedi li hemm xi xogholijiet rimedjali li ghandhom jsiru mill-esponenti, dawn ghandhom isiru taht is-sorveljanza u direzzjoni ta' Perit indipendenti mahtur minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jassigura li jsiru dawk ix-xogholijiet rimedjali hekk kif ordnat minn din l-Onorabbli Qorti minghajr ebda interess ghall-klijenti privati.

It-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li minn issa huma ngnuti in subizzjoni.

Rat id-dokument anness.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi l-azzjoni attriċi hija bbażata fuq l-artikolu 439 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) li jaqra hekk:

*"Ħadd ma jista' jħaffer fil-fond tiegħu bjar, ġwiebi, jew latrini, jew jagħmel tħaffir ieħor għal kull ħsieb li jkun, f'bogħod ta' anqas minn sitta u sebgħin ċentimetru mill-ħajt diviżorju."*

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-atturi huma s-sidien ta' għalqa magħrufa bħala 'Tal-Warda', fit-Triq il-Warda, Qrendi. Il-konvenuti huma s-sidien ta' għalqa adjaċenti magħrufa bl-istess isem. Iż-żewġ għelieqi huma mifruda permezz ta' ħajt diviżorju. Meta l-konvenuti bdew jiżviluppaw l-art tagħhom, l-atturi dehrilhom illi kien qiegħed isir skavar f'distanza ta' inqas minn 76 ċentimetru mill-ħajt diviżorju. Għaldaqstant, huma intavolaw mandat ta' inibizzjoni bin-numru 914/2014 JZM sabiex il-konvenuti jiġu inibiti milli jkomplu jħaffru fis-sit tagħhom.

Permezz ta' digriet datat 11 ta' Lulju 2014, din il-Qorti diversament presjeduta ddeċidiet billi laqgħet it-talba tal-atturi għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, b'dan illi l-konvenuti ġew miżmuma milli fl-art tagħhom jagħmlu kwalsiasi xogħol ieħor ta' tħaffir f'distanza ta' inqas minn 76 ċentimetru mill-ħajt diviżorju tal-proprjeta tal-atturi. Fid-deċiżjoni tagħha l-Qorti ċċarat illi huwa permess lill-konvenuti li jeżegwixxu kull xogħol ieħor – inkluż ta' tħaffir fl-art tagħhom, li jsir bogħod mid-distanza minima ta' 76 ċentimetru mill-ħajt diviżorju in kwistjoni.

Wara li ġiet intavolata din il-kawża imma qabel l-ewwel dehra quddiem din il-Qorti, jidher li seħħ inċident ieħor bejn il-partijiet b'dan illi l-atturi għamlu rikors għal disprezz fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni surriferit fejn allegaw li l-konvenuti aġixxew bi ksur tal-ordni tal-Qorti in kwantu li komplew b'xogħol ta' tħaffir f'distanza ta' inqas minn 76 ċentimetru mill-ħajt diviżorju. Da parti tagħhom, il-konvenuti ċaħdu li sar xi skavar f'distanza inqas mill-minimu stabbilit mil-liġi.

Sabiex jiġi deċiż ir-rikors, din il-Qorti diversament presjeduta sabet illi jkun opportun li jsir aċċess fuq is-sit. Għalhekk, dik il-Qorti fil-preżenza tal-partijiet u tal-avukati u periti rispettivi

tagħhom aċċediet fuq il-post nhar is-6 ta’ Ottubru 2014 u dakinhar ġie maqbul is-segwenti:

1. *Illi jittella’ re-enforced hollow concrete brick wall, tal-inqas għoli ta’ tliet (3) metri mill-wiċċ tal-blat, u dan mil-linja diviżorja lejn in-naħa tal-plot ta’ Azzopardi. Tali linja tiġi stabbilita mis-surveyor Vince Camilleri, u dan taħt is-sorveljanza tal-Perit Valerio Schembri u l-Perit Carmelo Ellul. L-ispejjeż tal-ħatra tas-surveyor ikunu a karigu tal-intimati Azzopardi.*

2. *In segwitu li jsir il-ħajt, jintela warajh bit-terrapien u l-ħamrija sakemm tiġi stabbilita l-għalqa fil-livell li kienet qabel.*

3. *Attwat il-permess, ma jkunx hemm aktar kwistjoni ta’ tqattiegħ u distanzi fil-plot tal-intimati Azzopardi vis-a-vis ir-rikorrenti Fenech, Bone u Grixti, dimenti illi tinżamm id-distanza ta’ 0.76m mill-ħajt diviżorju l-ġdid.*

4. *Għar-rigward tal-ħajt l-ieħor u li skatta r-rikors għall-ħruġ tal-mandat, Fenech, Bone u Grixti jiddikjaraw ruħhom sodisfatti bil-kostruzzjoni kif inhi llum u mhumiex qed jinsistu illi t-tliet (3) filati fin-naħa ta’ fuq tal-ħajt imtarraġ jitneħħew, lanqas il-konkos ta’ warajhom.*

5. *Il-partijiet jaqblu li dan il-ftehim huwa għal kollox bla preġudizzju għall-posizzjoni li kull parti sejra tieħu fil-kawża fl-ismijiet ‘Guido Fenech et vs Ernest Azzopardi et’, li tinsab pendenti quddiem din il-Qorti presjeduta mill-Onor. Imħallef Anna Felice.*

6. *Bil-firma tal-partijiet illum, dan il-proċediment ma jkunx hemm aktar ħtieġa tiegħu, u għalhekk Fenech, Bone u Grixti jimpenjaw ruħhom illi jippreżentaw nota ta’ ċessjoni fi żmien jumejn mil-lum.*

7. *Jaqblu wkoll li l-ispejjeż ta’ dan il-proċediment ikunu li kull parti tħallas tal-avukat tagħha, u l-ispejjeż tal-Qorti jitħallsu bin-nofs bejn il-partijiet.*

L-imsemmija nota ta' ċessjoni ġiet ippreżentata mill-atturi fid-9 ta' Ottubru 2014.

L-atturi jikkontendu li fix-xogħol ta' skavar li sar fil-proprjetà tagħhom, il-konvenuti bdew iqattgħu viċin ħafna tal-ħajt diviżorju li jifred il-proprjetajiet rispettivi b'dan illi ma nżammitx id-distanza legali stabbilita permezz tal-artikolu 439 tal-Kap. 16. Huma jżidu li minħabba f'hekk ikkollassa parti mill-ħajt diviżorju b'dan illi miegħu waqgħet ukoll xi ħamrija u saret ħsara f'"*shelter*' antik li kien jinsab fil-proprjeta tagħhom.

Da parti tagħhom il-konvenuti jeċċepixxu li mhuwiex minnu li esegwew xogħol ta' skavar f'distanza ta' inqas minn 76 ċentimetru mill-ħajt diviżorju, li l-ebda parti mill-ħajt diviżorju ma kkollassat u li ma waqgħet l-ebda ħamrija. Il-konvenuti jeċċepixxu wkoll li ma hemmx aktar xogħol ta' skavar xi jsir u li fir-rigward ta' xogħlijiet oħra, l-artikolu 439 tal-Kap. 16 jipprojbixxi biss skavar f'distanza inqas minn 76 ċentimetru mill-ħajt diviżorju. Huma jikkontendu li l-ħajt diviżorju in kwistjoni ma kienx mibni skont ir-regoli u drawwiet tas-sengħa u allura m'għandhom jiġu kkundannati jagħmlu l-ebda xogħol rimedjali. Il-konvenuti jgħidu wkoll illi kwalunkwe xogħlijiet rimedjali m'ghandhomx isiru taħt is-sorveljanza tal-perit Valerio Schembri in kwantu li huwa perit ex parte inkarigat mill-atturi.

Fil-każ ta' Eric Fenech Pace et vs Bajja Developments Limited tal-14 ta' Ottubru 2004 intqal hekk dwar l-artikolu 439 tal-Kap. 16:

> *"It-tieni eccezzjoni tinftiehem li s-socjetà konvenuta qed taghmel xoghol vicin il-hajt divizorju, però, tqies li dak li qed taghmel ma jaqax li jigi kontrollat bl-artikolu in ezami. Ghal dan l-argument, il-Qorti twiegeb li l-artikolu 439 jirreferi ghal kwalunkwe thaffir bla ebda eccezzjoni, u hija kategorika meta tipprojbixxi li dan issir fil-vicinanzi ta' hajt. It-tnehija ta' saffi ta' hamrija minn taht il-hajt, huwa "thaffir" li ma kellux isir. F'dan il-kuntest, issir riferenza ghas-sentenza studjata u ricerkata li tat din il-Qorti fil-kawza "<u>Mangion vs Borg</u>" fit-3 ta' Frar, 1983. Fiha ntqal li "l-artikolu 476 (illum 439) jistabilixxi f'termini generali a*

*rigward ta' kull speci ta' fond id-distanza li ghandha tigi osservata fi kwalunkwe thaffir, ikun x'ikun l-oggett ta' dak it-thaffir. Din id-distanza ta' zewg piedi u nofs giet stabilita b'mod kategoriku u ghandha dejjem tigi osservata, u l-vicin ghandu dritt jitlob li tigi osservata din id-distanza anke jekk ma jippruvax danni".*"

Mill-provi prodotti jirriżulta li fir-rigward ta' skavar f'distanza ta' inqas minn 76 ċentimetru mill-ħajt diviżorju jeżistu żewġ kwistjonijiet bejn il-partijiet. Kwistjoni dwar il-ħajt effetwat bl-iskavar li kien il-mertu tal-mandat ta' inibizzjoni 914/2014 JZM u skavar viċin parti oħra mill-ħajt diviżorju li kien il-mertu tar-rikors li sar fit-8 ta' Awissu 2014 fl-atti ta' dak il-mandat u li dwaru hemm il-verbal tal-Qorti dakinhar tal-aċċess tas-6 ta' Ottubru 2014.

Fir-rigward tal-ewwel kwistjoni u ċjoe l-iskavar li huwa mertu tal-imsemmi mandat ta' inibizzjoni, din il-Qorti m'għandhiex l-iċken dubju li sar skavar f'distanza ta' inqas minn 76 ċentimetru mill-ħajt diviżorju kif anke jirriżulta mir-rapport u xhieda tal-perit ex parte Carmelo Pace inkarigat mill-konvenuti, mir-rapport tal-perit Valerio Schembri inkarigat mill-atturi, mir-ritratti esibiti u mix-xhieda tal-konvenut Ernest Azzopardi stess. Din il-Qorti jirriżultalha wkoll illi minhabba dan l-iskavar, ikkollassat parti mill-ħajt diviżorju u miegħu waqgħet wkoll xi ħamrija.

Madanakollu, kif sewwa jisottomettu l-konvenuti, jirriżulta li l-atturi m'għadx għandhom pretensjonijiet dwar dan il-parti tal-ħajt kif jikkonfermaw huma stess fl-affidavit tagħhom u kif jirriżulta wkoll minn dak maqbul waqt l-aċċess tas-6 ta' Ottubru 2014.

Fid-diversi affidavit tagħhom l-atturi jinsistu li din il-kawża nfetħet dwar parti oħra mill-ħajt diviżorju li jinsab fuq in-naħa l-oħra tal-għalqa. Din il-Qorti qiegħda tifhem li hawnhekk l-atturi qegħdin jirreferu għall-allegat skavar li sar fuq dik il-parti tal-ħajt li wassal sabiex isir ir-rikors ta' disprezz tat-8 ta' Awissu 2014. Dwar x'wassal sabiex sar dan ir-rikors, fl-udjenza tat-30 ta' Settembru 2014 fl-atti tar-rikors għad-disprezz, il-perit Valerio Schembri ċċara li bit-tqattiegħ li kien

qed isir in eċċess tal-76 ċentimetru kienet affettwata parti mill-art entro 76 ċentimetru mill-ħajt.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, din il-Qorti ssib gustifikata l-ewwel talba attriċi limitatament fir-rigward ta' skavar f'distanza inqas minn 76 ċentimetru mill-ħajt diviżorju, għaliex kif sewwa jikkontendu l-konvenuti, l-artikolu 439 jitkellem dwar skavar u mhux xogħol ieħor kif donnhom qegħdin jippretendu l-atturi.

Fir-rigward tar-rimedju mitlub, din il-Qorti ssib illi l-atturi ma ċċarawx il-posizzjoni tagħhom wara l-ftehim li ntlaħaq waqt l-aċċess tas-6 ta' Ottubru 2014 fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni 914/2014 JZM. Il-Qorti kkunsidrat illi l-perit inkarigat mill-atturi u ċioè l-perit Valerio Schembri xehed illi fil-fehma tiegħu bil-qbil li sar waqt l-aċċess tas-6 ta' Ottubru 2014 din il-kwistjoni bejn il-partijiet tiġi riżolta.

Għaldaqstant, din il-Qorti ssib illi t-tieni u tielet talbiet attriċi għandhom jintlaqgħu limitatament fid-dawl ta' dak miftihem dakinhar tal-imsemmi aċċess, sa fejn dak miftihem jolqot il-mertu ta' din il-kawża u ċioè li mill-ħajt diviżorju sad-distanza ta' 76 ċentimetru għandu jintela' bil-ħamrija u t-terrapien. Din il-Qorti taqbel mal-konvenuti li l-perit inkarigat sabiex jissorvelja x-xogħlijiet għandu jkun perit inkarigat mill-Qorti u mhux il-perit ex parte inkarigat mill-atturi.

L-atturi jikkontendu wkoll illi konsegwenza tal-iskavar illegali tal-konvenuti, ġġarraf is-saqaf ta' '*shelter*' li jinsab fil-proprjeta tagħhom. Madanakollu, din il-Qorti tqis illi ma tressqitx prova suffiċjenti dwar din l-allegata ħsara u fi kwalunkwe każ l-atturi ma ressqu l-ebda talba għal xogħol rimedjali fuq din l-istruttura imma biss talba sabiex jiġi aċċertat illi ma ssirx ħsara fil-futur.

Fis-sottomissjoniiet tagħhom l-atturi jagħmlu talba għad-danni. Madanakollu, ċertament illi ma jirriżultax illi l-atturi soffrew xi danni u fi kwalunkwe każ it-talbiet attriċi huma espliċitament għall-rimedju konsistenti f'xogħol ta' ripristinar tas-sit u mhux għad-danni.

Finalment din il-Qorti ssib ukoll illi r-raba' talba attriċi għandha tiġi miċħuda għaliex mhuwiex ġuridikament ammissibbli li l-effetti ta' mandat ta' inibizzjoni jiġu kkonfermati in perpetwità u dan fuq skorta ta' ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna. Huwa stabbilit illi mhuwiex possibbli li jintalab u tingħata estensjoni b'mod permanenti tal-effett ta' mandat ta' inibizzjoni. Dak li seta' jintalab mill-atturi kien l-affermazzjoni tad-drittijiet tagħhom li jibqgħu jgawdu d-dritt ta' proprjetà tagħhom mingħajr l-ebda tfixkil.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi limitatament billi tordna lill-konvenuti sabiex a tenur tal-artikolu 439 tal-Kap. 16, fl-iskavar kollu li għad iridu jagħmlu fl-għalqa proprjetà tagħhom magħrufa bħala 'Tal-Warda', f'Triq il-Warda, Qrendi, adjaċenti għall-art tal-atturi, iżommu d-distanza legali ta' mhux inqas minn sitta u sebgħin (76) ċentimetru mill-ħajt diviżorju ta' bejn is-siti rispettivi tal-partijiet.

2. Tilqa' t-tieni talba attriċi in kwantu li rriżulta li minħabba li l-konvenuti naqsu milli jżommu mad-distanza stabbilita fl-artikolu 439 tal-Kap. 16, ikkollassat parti mill-ħajt diviżorju u magħha waqgħet ukoll xi ħamrija fil-proprjetà tal-atturi.

3. Tilqa' t-tielet talba attriċi billi tikkundanna lill-konvenuti jimlew bil-ħamrija u terrapien kwalunkwe skavar li sar f'distanza inqas minn sitta u sebgħin (76) ċentimetru mill-ħajt diviżorju fi żmien 30 jum mid-data tas-sentenza u dan taħt is-sorveljanza tal-perit Mario Cassar li qiegħed jinħatar għal dan l-iskop. Fin-nuqqas li jsir dak ordnat, din il-Qorti qiegħda minn issa tawtorizza lill-atturi jagħmlu xogħlijiet huma spejjeż tal-konvenuti.

4. Tiċħad ir-rimanenti talbiet attriċi.

Spejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuti.

IMHALLEF

DEP/REG